MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 4/2009

**John Grech**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta’ Marzu, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> “L-Arbitru,
>
> Deher A Falzon ghad-Direttur.
>
> Meta ssejjah l-appell, deher l-appellant assistit mill-Avukat Anglu Farrugia. Deher ir-rapprezentant tad-Divizjoni.

> Peress li jidher mid-dokumenti esebiti, inkluzi dawk pprezentati illum jidher illi l-iskema kienet ma' THORN EMI Pension Fund li m'ghandix tigi kkunsidrata bhala service pension.
>
> Fid-dawl ta' dan jidher li d-decizjoni tat-3 ta' Lulju 2008 ma kienitx iggustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh fis-sens li l-ammont li huwa jircievi minn THORN EMI Pension Fund m'ghandux jigi kkunsidrat ghal fini tad-dhul ta' l-appellant."

Appella minn din is-sentenza d-Direttur tas-Sigurta` Socjali bl-aggravju illi l-Arbitru ma ghamelx interpretazzjoni korretta tad-definizzjoni ta' pensjoni tas-servizz fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 318 meta abbinat ghall-fattispeci tal-kaz;

Qabel xejn, qed jigu hawn brevement elenkati l-fatti l-aktar saljenti:-

1. L-appellat kien impjegat ma' EMI Electronics minn fejn irtira bl-eta` f'April, 2008;

2. Fil-kors ta' dak l-impjieg l-appellat issottoskriva f'Thorn EMI Savings – Related Share Option Scheme u b'rizultat ta' dan, ma' l-irtirar, beda jircievi pensjoni mensili mit-Thorn Emi Pension Fund imnedija mill-kumpanija;

3. L-appellat applika ghall-Pensjoni Kontributorja taht l-Att dwar is-Sigurta` Socjali u b'avviz tat-28 ta' Mejju, 2008 gie informat x'kienet ser tkun ir-rata fil-gimgha tal-pensjoni li kien ser jippercepixxi b'effett mit-3 ta' Mejju, 2008;

4. L-appellat ma qabelx ma' din ir-rata proposta mid-Direttur u ghadda biex intavola gravam minnha lill-Umpire;

Premessi dawn il-fatti l-punt ta’ dritt involut f’dan il-kaz huwa jekk il-pensjoni ricevuta mill-appellat minghand it-Thorn Emi Pension Fund tikkwalifikax ghall-“pensjoni tas-servizz” kif din l-espressjoni tinsab definita fl-Artikolu 2(1) tal-Kapitolu 318 u jekk allura dik l-istess pensjoni kellhiex tittiehed in konsiderazzjoni ghall-fini tal-komputazzjoni tal-Pensjoni tal-Kontribuzzjoni a norma ta’ l-Artikolu 47 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Hi t-tezi ta’ l-appellat illi dik ix-xorta ta’ pensjoni percepita minghand il-Fund tal-kumpanija li taghha kien impjegat ma hijiex “*service pension*” ghaliex, kif anke jsostni fir-risposta ta’ l-appell tieghu, din ghandha titqies bhala wahda assolutament privata ghal liema huwa volontarjament ikkontribwixxa. Din it-tezi tidher li giet abbraccjata mill-Arbitru bil-motivazzjoni *sic et sempliciter* illi l-pensjoni taht dik l-iskema ma kienetx wahda li tikkwalifika bhala *service pension*;

Issa l-Artikolu 2 (1) tal-Kapitolu 318 jiddefinixxi “pensjoni tas-servizz” bhala li tfisser “b’sehh mill-1 ta’ April, 1978, pensjoni jew *allowance* ohra moghtija lil persuna f’kull zmien qabel jew wara d-data qabel imsemmija li tithallas minnu f’isem il-principal taghha dwar servizzi li jkunu qabel inghataw f’Malta jew barra minn Malta u ghandha f’kull kaz singolu titqies fuq bazi mhux kommutata”. Fuq l-interpretazzjoni tieghu ta’ din id-definizzjoni hi l-kontro-tezi tad-Direttur bl-appell tieghu illi l-pensjoni ricevuta mill-appellat minghand il-kumpanija EMI tirrientra f’din it-tifsira tal-ligi u ghandha, konsegwentement, ghal skop ta’ Dhul Pensjonabbli tittiehed fir-rigward. Dan fis-sens illi dak l-istess Dhul Pensjonabbli jonqos bl-ammont ta’ “pensjoni tas-servizz” li l-appellat kien qieghed juzufruwixxi minghand il-kumpanija. Ghas-suffragju ta’ din il-veduta tieghu d-Direttur appellanti jirrikorri ghad-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell kolleggjali tas-6 ta’ Frar, 1995 fil-kaz fl-ismijiet “**Emanuel Debono -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”;

Huwa distingwibbli minn din id-decizjoni illi l-konsiderazzjonijiet ta’ dritt l-aktar sinjifikativi li ghamlet dik il-Qorti f’dik il-kawza kienu dawn:-

1. Bhal fil-kaz prezenti, l-applikant f’dik il-kawza kien intitolat li jekk irid fuq bazi volontarja jippartecipa fis-Superannuation Fund fil-kors ta’ l-impjieg li huwa kellu ma’ Lloyds’ Register of Shipping. Proprju dak il-fund, ukoll bhal dak odjern, kien krejat bl-iskop li jipprovdi skema ta’ pensjoni lill-impjegati ta’ l-organizzazzjoni li riedu jifformaw parti minnha biex jibbenefikaw minnha. Fuq il-fehma tal-Qorti ta’ l-Appell f’dik il-kawza l-pensjoni li kien qed jippercepixxi l-applikant bhala rizultat tal-kontribuzzjoni tieghu fis-Superannuation Fund kienet wahda li taqa’ fit-termini tad-definizzjoni taht l-Artikolu 2 (1) dwar “pensjoni tas-servizz” u effettivament kolpita minnha;

2. Ukoll f’dik l-istess decizjoni l-Qorti rrilevat illi avolja l-“*pension scheme*” kienet stabilita taht “*trust deed*” u l-pensjoni pagabbli minn entita` separata minn Lloyds’ Register ma kienetx taghmel ebda differenza ghaliex “dak li tirrikjedi l-ligi huwa n-ness bejn il-hlas jew il-percepiment tal-pensjoni mas-servizz li jkun inghata qabel imma mhux necessarju li l-hlas isir mill-principal u hu ovvju ghalhekk li l-legislatur ried biex jigi stabbilit jekk pensjoni hix wahda tas-servizz jew le, wiehed jikkoncentra mhux fuq min ikun qed ihallas dik il-pensjoni jew gratifikazzjoni izda x’inhi verament il-kawza ta’ dak il-hlas u dak li tirrikjedi l-ligi huwa biss li dak il-hlas ta’ pensjoni jew gratifikazzjoni ikun ‘dwar servizzi li jkunu qabel inghata f’Malta jew barra minn Malta’.”

Incidentalment, dik il-kawza l-ohra kellha, ex-post id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell fuq referenzjata, l-epilogu taghha fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta’ Jannar, 2007 fl-ismijiet “**Avv. Dr. Joseph Brincat ghan-nom u in rapprezentanza ta’ l-assenti Emanuel Debono -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali *et***”. Ghal dak li jiswa, anke b’rilevanza ghal certu kumment ta’ l-appellat fit-twegiba ta’ l-appell tieghu, fiha gie osservat dan li gej:-

1. L-Artikolu 47 tal-Kapitolu 318 li kien qed jigi attakkat jipprovdi li meta persuna jkollha "*service pension*" minghand l-*ex employer* taghha, il-pensjoni tas-sigurta` socjali titnaqqas bid-differenza ta' dak li dik il-persuna tkun qed tippercepixxi mill-pensjoni privata;

2. B'danakollu, la dak l-istess dispost u l-ligi in generali ma jinnegawx ghal kollox il-pensjoni tas-sigurta` socjali, ma jistax jinghad li gie vjolat l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-principju tal-proporzjonalita`;

3. B'ripetizzjoni ma' l-affermazzjoni ta' l-ewwel Qorti, l-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi "hawn si tratta ta' mizura bazata fuq solidarjeta` socjali intiza biex, sa fejn hu possibbli, il-gid jitqassam ma', u jitwassal lil, hulhadd. Kif tosserva **Karen Reid** ("**A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**", Sweet & Maxwell (London), 2004 p 412): "*A wide margin applies however to States in regulating their social policy. This can include measures reducing pensions in pursuit of social justice or re-integration into the general system of previously privileged groups*"."

In vista tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi kif jinzlu mid-decizjonijiet citati din il-Qorti ma tantx tara kif tista' koerentement issostni t-tezi ta' l-appellat jew ir-ragonament ta' l-Arbitru li ghadda biex akkolja dik it-tezi. Il-pensjoni hekk ricevuta mill-appellat minghand il-kumpanija kienet wahda li taqa' fil-precett normattiv kostitwit bid-definizzjoni u dan igib li d-Direttur appellanti kien fid-dritt legali li jiddetermina r-rata ta' pensjoni li wasal ghaliha. Fis-sens ta' din l-istess decizjoni kienet id-decizjoni recenzjuri ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2009 in re: "**Godfrey Leone Ganado -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**". In konkluzjoni, huwa l-kaz li s-sentenza ta' l-Arbitru tigi mwarrba.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza

appellata.  L-ispejjez ta’ din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------